

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0039/08

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Josep Borrell Fontelles f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp, Reimer Böge f'isem il-Kumitat għall-Baġit lill-Kummissjoni

Suġġett: Il-prezz dejjem tiela' tal-prezzijiet ta' l-ikel u l-operazzjonijiet ta' l-għajnuna ta' l-ikel

Il-prezzijiet ta' l-ikel għolew b'mod drastiku, b'hal m'għolew l-ispejjeż tal-fjuwil u tat-trasport. Dan naqqas is-saħħa tax-xiri ta' setturi wiesgħa tas-soċjetà f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u ta' aġenziji ta' l-għajnujna ta' l-ikel. Il-Programm Dinji għall-Ikel (WTP) jikkalkula li fil-ġimgħat li ġejjin se jkun hemm bżonn mill-inqas USD 500 miljun ta' fondi addizzjonali biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jiġu implimentati l-programmi skedati għall-2008. Skond il-Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja tat-18 ta' Diċembru 2007, l-Unjoni Ewropea "timmira li turi l-impenn tagħha għar-rispons umanitarju bil-mobilizzazzjoni ta' fondi adegwati għall-għajnuna umanitarja abbażi ta' ftieġa valutata". (para. 38 tal-Konsensus).

1. Kif il-Kummissjoni biħsiebha tappoġġja l-mobilizzazzjoni fil-front ta' fondi biex tiżgura li l-operazzjonijiet għall-għajnuna ta' l-ikel ma jiġux interrotti fl-2008, u li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti addizzjonali ta' l-għajnuna ta' l-ikel li huma kkawżati mill-prezzijiet ta' l-ikel li dejjem telgħin? X'passi konkreti ttieħdu biex jiġu mmobilizzati iżjed fondi (Komunitarji), pereżempju mir-riżerva ta' l-għajnuna ta' emerġenza, b'mod partikulari fil-provvediment ta' appoġġ rapidu lill-WTP?
2. Fid-dawl tal-fatt li l-prezzijiet ta' l-ikel mistennija jibqgħu għoljin jew saħansitra jkomplu jogħlew, taħseb il-Kummissjoni li l-baġit għall-għajnuna umanitarja tal-KE ppjanat għall-2009, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-għajnuna għall-ikel, se jkun biżżejjed biex jissodisfa l-impenji umanitarji tul l-2009? Liema passi ġew mistħarrġa biex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' l-għajnuna umanitarja mill-UE, b'mod partikulari l-operazzjonijiet ta' l-għajnuna ta' l-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jirrispondu għal bżonnijiet li jiżviluppaw?
3. X'inhi l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tas-sigurtà ta' l-ikel u ta' l-isfidi ta' l-għajnuna umanitarja fid-dawl ta' l-evalwazzjoni intermedjarja għall-Qafas Finanzjarju 2007-2013?

Tressiq: 15.04.2008

Mibgħuta: 17.04.2008

Skadenza: 24.04.2008